**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Joseph Galea iben Salvu u Rose nee' Debattista li joqghod 'Mentor', Triq it-Tabib Anton Tabone, Victoria, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' numru 55842 (G)**

Illum 29 ta' Mejju 2002.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli nhar fil-5 ta' Dicembru 2001 ghall-habta tat-8:40 a.m. fis-Sannat hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' Arthur Bajada, Segretarju tal-Kunsill Lokali, Sannat, liema persuna hi nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, (2) aktar talli mbotta lill-istess persuna hawn imsemmija, (3) fl-ahhar talli kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat, storbju u glied jew mod iehor.

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba li tapplika l-Art 383 tal-Kap 9.

Semghet il-provi;

Issib lill-imputat hati;

Rat l-artikoli 95, 338 (dd), 339 (1) (d) tal-Kap 9;

Tikkundannah ghall-hlas ta' ammenda ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25);

Tobbligah ma jimmolestax u ma jdejjaqx lil Arthur Bajada fuq penali ta' sittin lira Maltin (Lm60) multa fin-nuqqas ghal zmien sena mil-lum skond l-artikolu 383 tal-Kap 9.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur